MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 410/2011

**Perit Arkitett Anton Zammit ID 119470M**

**vs**

**Anthony Pace ID 38547M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li t-TALBA f'dan l-AVVIZ l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu l-ammont ta' elf, mija, disgha u ghoxrin Ewro sebgha u sittin centezmi (€1,129.67c) ghal xogholijiet professjonali u servizzi lilu maghmula dwar permess PA 6408/03. Bl-ispejjes u mghax kif mitlub fl-AVVIZ. Mat-Talba hemm esebit kont dettaljat.

**Ra** r-RISPOSTA mfassla hekk:-

Illi l-ammont reklamat ghax-xoghol professjonali rez fis-sena 2003 referibbilment ghall-Permess Numru PA

6408/2003 huwa preskritt bid-dekors ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

Illi bla pregudizzju ghall-permess u fil-mertu l-ebda ammont ma hu dovut.

Illi ukoll bla pregudizzju ghas-suesuppost ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti izda sar b'mod traskurat u fi kwalunkwe kaz l-esponent qatt ma nkariga lill-attur jaghmel "bill of quantities" tal-progett ta' serer, giebja u store li l-esponent kien abbanduna tant li anki rrinunzja ghall-imsemmi Permess.

**Ra** li b'sentenza preliminari tad-29 ta' Mejju 2012 it-TRIBUNAL cahad l-eccezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni – spejjes riservati.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL jirreferi ghal dak migjub fis-sentenza msemmija, fejn huma sunteggjati l-provi kollha kif kien mehtieg biex tigi mistharrga l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll ghat-taqsima KONSIDERAZZJONIJIET li hemm fis-sentenza. A skans ta' ripetizzjoni bla htiega it-TRIBUNAL jordna li kopja tas-sentenza preliminari msemmija tigi mehmuza mas-sentenza odjerna biex tifforma parti integrali minnha.

2. Wara s-sentenza *in parti* xehed ulterjorment l-attur u xehed ukoll l-intimat.

3. L-attur qal li hu mexa mat-tariffi K tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Lill-konvenut kien baghtlu *breakdown* ta' dak minnu mitlub – Dok G *a fol* 30. Bhala Dok G1, *a fol* 48 hemm spjegat f'hiex kienu jikkonsistu x-xogholijiet. Hawn l-attur kompla elabora u ddettalja u ghalhekk qed issir riferenza integrali ghax-xhieda li tinsab *a fol* 45-47 tal-process billi hawnhekk qed jissemmew biss punti mentri fix-xhieda hemm dettalji anke dwar spejjes imsejjha mill-attur bhala amministrativi.

4. L-attur cahad, dak suggerit lilu, li hu talab flus ghal xoghol li m'ghamilx. Bhala Dok H esebixxa l-kont tal-MEPA u bhala Dok I l-applikazzjoni propja ghax kien hu li applika u hemm it-timbru tieghu. (ara *fol* 495c, *fol* 50 u *tergo*). Hlas lill-MEPA ma sarx minnu imma mill-klijent.

5. Zied jispjega li meta klijent ikollu ripensament, il-perit jithallas tax-xoghol li jkun ghamel sa dakinhar. Dan konformement mal-ligi.

6. <u>Anthony Pace</u> qal li l-ghalqa Wied il-Qoton qieghda bejnu u bejn Manwel Matteson (hu mart l-intimat). Riedu jaghmlu serer ghat-tkabbir tat-tadam – haga li fiha jifhem Matterson. Kien mar ghandu l-perit li mar jara l-ghalqa, ha ritratt u wara rega' mar ghand il-perit biex jimlew l-applikazzjonijiet tal-MEPA. Kien hallsu xi LM15/20 *cash.* Wara xhur li ma rcieva xejn mill-MEPA rega' mar ghand il-perit u dan qallu li l-applikazzjoni probabbilment intilfet u l-perit rega' mlielu applikazzjoni u hallas l-istess. Rega' ma rcieva xejn u l-perit mela l-applikazzjoni u ma thallas xejn. Hu mar il-bank ghall-garanzija.

7. Is-serer fil-fatt qatt ma nbnew billi lil Matteson kienet marditlu l-mara u mar l-Ingilterra u qatt ma gie lura. Wahdu ma riedx jitriga u wara li gedded il-permess darba, ikkancella l-applikazzjoni. Jaf li ghamel xi process biex il-permess jigi kkancellat izda *ma jafx ezattament kif applika u min imlielu il-karti. Jaf li l-MEPA kienu qalulu li kellu bzonn il-firma tal perit.* Mal-perit qatt ma tkellem kemm kien se jiswa x-xoghol. Meta rcieva kont minghandu, hallsu "u daqshekk".

8. In kontro-ezami qal li l-kont *a fol 13* hallsu wara t-tielet applikazzjoni. Lill-perit kien isaqsieh fiex wasal il-permess u ma kienx infurmah dwar andament ta' xi xoghol u kien mar hdejh biex jghidlu li ried jirtira l-permess u hadlu l-karta li kienu tawh tal-MEPA biex jiffirmaha l-perit. Il-perit gieli talbu xi ghaxar liri 'l hawn u 'l hemm izda m'ghandux ircevuti.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li kull haddiem u kull professjonist irid jithallas ta' xoghlu. Meta klijent imur ghand professjonist u jtih inkariku, il-professjonist irid iqis l-inkariku u dan jaghmlu sew – kif titlob is-sengha, kif trid il-ligi partikulari li tirrigwarda dak l-inkariku.

2. Anthony Pace qal li ma jafx jaqra u ghall-istess progett ta' bini ta' serer kien irid joqghod fuq Manuel Matteson (li kien jifhem fl-industrija tat-tkabbir tat-tadam) li wara ftit htieglu jwarrab definittivament minn Malta.

3. Fil-fhema tat-TRIBUNAL l-Intimat, li certament fejn tidhol il-MEPA jidher li ma kienx jifhem, qabbad lill-perit Zammit u halla f'idejh. Mal-MEPA baqa' jidher il-perit Zammit tant li anke ghall-fazi tal-irtirar tal-permess u gbir lura ta' hlas mill-intimat, dan baqa' jinqeda bis-servizzi tal-perit Zammit.

4. It-TRIBUNAL ihoss li l-attur in segwitu ghall-inkariku mghoti lilu mill-Intimat, ghamel xogholijiet u wkoll spejjes li dahal ghalihom hu floku li jdur fuq l-Intimat li kien qabbdu. Il-hlas mitlub hu spjegat soddisfacentament mill-attur u bhala *quantum* jitqies, skond il-ligi, li dak li l-perit tqabbad jaghmel beda jwettqu kif mistenni u twaqqaf minn min qabbdu jaghmlu, jigifieri l-Intimat.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL, meqjus dak kolli migjub hawn fuq u fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, <u>jiddeciedi</u> billi:

1. <u>Jikkundanna</u> lill-konvenut Anthony Pace ihallas lir-Rikorrent arkitett Anton Zammit il-*quantum* ta' elf, mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1129.67) liema hlas ghandu jsir sa ghoxrin jum mill-lum, b'dana li jekk ma jsirx hekk, jibda jiddekorri l-imghaxx mill-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv, u

2. <u>Jiddeciedi</u> li l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra msemmija fl-AVVIZ u dawk tas-sentenza tad-29 ta' Mejju 2012, ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti jekk Anthony

Pace ihallas il-*quantum* shih ta’ €1129.67 sa ghoxrin jum mill-lum u jekk dan ma jsirx, l-ispejjes kollha tal-kawza u dawk mitluba fl-AVVIZ u tad-decizjoni *in parte*, jithallsu mill-istess konvenut Anthony Pace, u

finalment jichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Anthony Pace.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------